# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Rodrick Tabone**

**Kumpilazzjoni Numru: 463/2020**

**Illum 20 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi fil-konfront tal-imputat Rodrick Tabone detentur tal-karta tal-identita' numru 517387M akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-03 ta' Dicembru 2019 ghall habta tal-hamsa u nofs ta' wara

nofs in-nhar (05:30 p.m) gewwa Tulip Complex, Flat 5, Triq Santa Katarina, Zurrieq u/jew fill-vicinanzi:

Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marouska Mangion (Art. 221(3)(a), 222(1)(a), 202(h) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad arma (sikkina) kontra l-persuna ta' Marouska Mangion (Art. 222(1)(a), 202(h), Art. 339(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Marouska Mangion sabiex jingurjaha, iddejjaqa jew jaghmlilha hsara (Art. 222(1)(a), 202(h), Art, 339(1)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Marouska Mangion (Art. 222(1)(a), 202(h), Art. 339(1)(e) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli fl-istess data u/jew fil-granet ta' wara, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil Marouska Mangion taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafama li persuna/i ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih (Art. 49 (a)(b)(c) Kap 399);

Akkuzat aktar talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-

regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat aktar talli wara li gie ikkundannat f' Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess tieghu hwejjeg misruqa (log book ta' vettura) minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gie legittimament ghandu (Art. 286 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli kiser Ordni ta' Probation moghtioja lillu Mill-Onor Imhallef Dr. G. Grixti LL.D nhar 30 ta' Novembru 2017.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' Marouska Mangion skond Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' u protezzjoni ta' Marouska Mangion kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra

minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha inkluz il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Jannar elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li ghandha tinstab htija u cioe':-

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 221(3)(a), 222(1)(a), 202(h) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 221(3)(a), 222(1)(a), 202(h) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 284, 285, 286 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat vjolenza domestika bejn l-imputat u l-parte civile Marouska Mangion.

Illi mix-xhieda tal-istess **Marouska Mangion** hareg illi din hija t-tfajla tal-imputat u ghandhom zewgt itfal flimkien. Din tghid illi fit-tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019) fil-hamsa u kwart ta' filghaxija sehh incident fil-kcina taghhom fi Tulip Complex, Flat 5, Triq Santa Katerina, Zurrieq, giet lura d-dar flimkien maz-zewgt itfal taghhom u ssib lil Rodrick jahraq id-droga fuq il-*cupboard* tal-kcina. Hija tghid illi meta rat hekk hija bdiet tghajjat u avvicinaha l-imputat u tahielha fuq wiccha u baqa' jittaqqab go saqajh. F'dak il-hin hareg sikkina minn kexxun u ghamililha ma' ghonqha. Hija tghid illi tul dan il-hin tal-aggressjoni t-tfal kienu fuq is-sufan ftit metri 'l boghod.

Hija tkompli tghid illi wara dan l-incident, l-imputat dahal fil-kamra tal-banju u meta hareg kien qisu qed jixxengel. Hija tghid illi sadanittant kienu lahqu gew il-genituri taghha Gaetano u Vincianne Mangion li rawh hiereg mill-kamra tal-banju. Din tghid illi l-imputat baqa' tielaq 'il barra minghajr ma kellem lil hadd. A rigward il-griehi hija tghid illi l-imputat kien taha daqqa go wiccha u ghalhekk hija marret il-klinik ghal certifikat (Dok T2) u mbaghad wara baqghet sejra l-ghassa tal-pulizija sabiex taghmel rapport fejn imbaghad kellmuha tal-Appogg.

In kontroezami hareg illi qabel mal-imputat ta daqqa go wiccha x-xhud kienet imbuttatu ghaliex kien gej fuqha biex jaggrediha, imbaghad wara li labielha go wiccha kompla jittaqqab. Hija tghid ukoll illi rigward is-sikkina din ma kinitx urietha lill-pulizija. Hija tghid ukoll illi qaltlu l-kliem "insallbek" u tiddikjara li rapport qatt ma ghamlet kontra l-imputat ghalkemm kien hemm diversi incidenti ohra fil-passat imma din kienet l-aktar wahda gravi.

A rigward il-*log book* hija tghid illi sabitu qalb xi kaxxi tal-kartun peress illi huma kienu ghadhom kif jimmuvjaw fid-dar xi jumejn wara l-incident. Hija tghid illi dawn il-kaxxi kienu garrewhom hi u

l-imputat. Hija tghid illi dawn il-kaxxi kienu garrewhom minghand ommha jew minghand ommu.

Xehdet <u>Ilona Micallef Deguara</u> li hija r-*risk assessor* li ntervistat lill-vittma Marouska Mangion li kkonfermat dan id-dokument li kien gie *high risk.*

Ix-xhud **<u>Angelo Casha</u>** li kkonferma li hu ghandu karrozza tal-ghamla Kia fejn jghid illi xi hadd dahal go hwejjgu f'Hal Qormi go ghalqa privata, kisser il-hgiega ta' din il-karrozza u ha l-karti, il-pjanti tal-bini u l-*log book* tal-istess karrozza, xi papocc u passaport u *cheque book*. Huwa gharaf Dokument RT4 li kien il-*log book.*

**<u>L-Ispettur Trevor Micallef</u>** esebixxa dan il-*log book* bin-numru J409441 fejn jghid illi dan instab fid-dar tal-imputat wara li kienet cemplitlu Marouska Mangion fejn din sabitu hemmhekk fl-ahhar kamra tad-dar taghhom kif jinfetah il-bieb tad-dar.

A rigward l-investigazzjoni jghid illi kien ottjena mandat ta' arrest ghall-imputat fejn dan gie arrestat pero' peress li kien qed jilmenta

bi qtugh ta' nifs dan ittiehed l-isptar fejn wara gie rrapurtat li kien hareg minn hemm. Gie arrestat sussegwentement u fil-fatt ittiehditlu stqarrija.

PS 43 Keith Darmanin ikkonferma r-rapport tal-allegat vittma izda jghid illi l-investigazzjoni tkompliet minn tax-xift ta' wara.

PC747 Ryan Cini fejn anke hu kkonferma r-rapport li kienet ghamlet il-vittma Marouska Mangion.

PC804 Leonard Formosa li kkonferma l-istqarrija tal-imputat a folio ghoxrin (20) tal-process.

PC164 Mark Abdilla li mar mal-allegat vittma fir-residenza taghha u hemmhekk sabu l-bieb imbarrat fejn kien hemm l-imputat fuq gewwa mbaghad fetah meta gew aktar pulizija. Huwa jghid illi ma ghamlux tfittxija f'dik ir-residenza.

Giet esebita s-sentenza tal-Imhallef Giovanni Grixti datata 30 ta' Novembru 2017 Appell Kriminali 407/15 (Dok D2) minn Deandra Zerafa.

Xehed ukoll it-tabib **<u>Dr. Bjorn Buhagiar</u>** fejn kien iccertifika lil Marouska Mangion li dakinhar kellha *injury* hafifa fin-naha tal-lemin ta' wiccha pero' jghid illi b'ghajnejh huwa ma kien ikkonstata xejn.

<u>L-Ispettur Kylie Borg</u> ikkonfermat is-sentenza tal-Appell moghtija mill-Imhallef Giovanni Grixti (Dok. D2) fejn hija gharfet seduta stante lill-imputat Rodrick Tabone.

Rat illi ma kienx hemm l-ebda prova in difeza;

**Ikkunsidrat**:

Illi mill-assjem tal-provi ma kien hemm xejn fejn din il-Qorti setghet tiddubita mit-testimonjanza tal-parte civile Marouska Mangion tenut kont illi l-imputat ghazel (kif ghandu dritt jaghmel) li ma jirribattix tali xhieda taghha u ghalhekk jikkonferma l-istqarrija li kien taha fil-bidu tal-investigazzjoni. Illi ghaldaqstant qed tistrieh fuq it-testimonjanza tal-parte civile a rigward l-agir aggressiv tal-imputat fid-data tar-reat u cioe' li kkagunalha griehi

ta' natura hafifa kkagunati b'daqqa ta' harta u li aggrediha b'sikkina pero' ma giex ippruvat xi kliem ta' theddid jew ingurji.

Illi ma tistax taqbel mal-prosekuzzjoni a rigward ir-reat tal-pussess ta' droga eroina u dan ghaliex minn imkien f'dawn il-proceduri ma hareg illi l-imputat instab fil-pussess ta' din id-droga la fuq il-persuna tieghu u l-anqas gewwa r-residenza tieghu. Il-fatt illi huwa jghid fl-istqarrija tieghu li huwa jaghmel uzu ta' droga ma hijiex bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex din l-akkuza tigi ppruvata.

A rigward is-sebgha (7) akkuza ix-xhud Gafa, ghalkemm jghid illi dan il-*log book* gie misruq minnu qatt ma identifika lill-imputat jew jghid jekk jafx lil din il-persuna ommeno. Illi di piu' il-fatt illi dan id-dokument gie misjub fir-residenza tal-imputat ma hux bizzejjed ghall-kolpevolezza tieghu u dan ghaliex f'din ir-residenza kienu joqghodu persuni ohra u fejn instab dan id-dokument kien fost numru ta' affarijiet in komuni bejn il-partijiet.

Illi a rigward l-akkuza tal-ksur tal-bail *conditions* xehed Helenio Galea rapprezentant tal-habs fejn ikkonferma li l-imputat gie

kkundannat sittax (16)-il xahar prigunerija ghal dan il-ksur li gew skontati fil-hamsa (5) ta' Awwissu 2021 (Dok HG1).

Illi a rigward li uza mezzi elettronici b'mod hazin, minn imkien ma hareg x'intqal fit-telefonata lil Marouska Mangion u dan ghaliex l-istess xhud tghid illi l-imputat qal xi kliem li ma setghetx tifhem. Illi s-semplici fatt illi l-imputat seta' cempel lill-vittma ma jfissirx awtomatikament illi dan uza l-mezzi elettronici b'mod hazin.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli Art. 221(3)(a), 222(1)(a), 202(h)(iv)(v), 339(1)(b), 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Rodrick Tabone hati biss tal-ewwel, it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) filwaqt li qed tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

Inoltre' il-Qorti qed timponi Ordni ta' Trazzin a favur Marouska Mangion ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni qed taghmel parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**